MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Appell Civili - Ghawdex Numru. 71/2001/1

**Avviz numru 71/01 GM**

**Untours Insurance (Agents & Brokers) Ltd u din ghall-Qatar
Insurance Agency Company kif surrogata fid-drittijiet ta' James Munro u l-istess James Munro**

**vs**

**Maria Lourdes Gauci**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' Dicembru, 2001 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"*It-Tribunal;*

*Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata ghall-hlas ta' erba' mija u erbgha u erbghin*

*lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm444.49) danni mgarrba fit-22 ta' Marzu 2000 meta il-vettura EAV 682 misjuqa mill-konvenuta habtet mal-vettura CAP 213 fi Triq San Duminku, Fontana, Ghawdex.*

*Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident.*

*Bl-ispejjex u imghax kontra l-konvenuta mid-data tan-notifika ta' l-avviz inkluz spejjez ta' ittra ufficjali prezentata illum stess kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta fejn il-konvenuta eccepiet:*

*1. illi t-talba attrici ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita' u kundanna lill-eccipjenti ghall-hlas tad-danni mhijiex gustifikata u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici;*

*2. illi l-konvenuta mhix responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza billi l-kollizjoni sehhet minhabba imperizja u sewqan non kuranti u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Teresa Munro li kienet is-sewwieqa tal-vettura Tipo bin-numru CAP-213 kif ser jigi pruvat ampjament fil-kors tal-kawza;*

*3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ikkunsidra*

*Illi l-ebda rapprezentant tas-socjeta' attrici ma deher ghas-seduti li nzammu fl-4 ta' Dicembru 2001, fl-14 ta' Dicembru 2001 (ghalkemm f'din is-seduta l-avukat tas-socjeta' baghat jitlob ghal differiment, mhux oppost, billi kien indispost), tal-20 ta' Dicembru 2001 u dik tallum;*

*Ghaldaqstant dan it-Tribunal, b'applikazzjoni tal-artiklu 13 (a), tal-Att V tal-1995, jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez, inkluz tal-avukat li ppatrocina lill-konvenuta, ghandhom jigu sofferti mis-socjeta' attrici.*"

L-atturi appellaw minn din is-sentenza bl-aggravju illi t-Tribunal ghaggel wisq biex ifittex jiddisponi mill-avviz. Dan bi skapitu tal-haqq u s-sewwa u bi ksur tal-Artikolu 8 (2)(c) u (d) tal-Kap 380.

Bhala punt ta' tluq ma jkunx inopportun jekk jigi ribadit dak bosta drabi osservat mill-Qrati illi "*hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment misuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu. Waqt li l-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, m'ghandux pero` lanqas jidhol u jigi nkoraggiet permissivizmu ingustifikat*" – "**Francis T. Gera nomine –vs- Ed. Camilleri et**", Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973.

Ma jistax ikun dubitat illi l-osservanzi tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawza u r-regolarita` taghha. L-analisi ta' jekk din il-kondotta u l-evalwazzjoni ta' jekk in-nuqqasijiet li jirrizultaw kienux jimportaw l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet stipulati fin-normi procedurali li jirregolaw is-smiegh tal-kawza kellu jsir oggettivament. Dan dejjem fil-parametri tad-disposizzjonijiet tal-ligi specjali li ikkrejat it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

L-Att V ta' l-1995 jipprovdi certament ghall-proceduri spediti u sommarji (Art 9(2)(a)) tal-minimu ta' nformalita` u regoli procedurali tant li espressament jistipula li ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba fin-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita' sakemm wiehed ikun mexa <u>kemm jista' jkun</u> mal-Att jew mar-regoli maghmula tahtu (Art 9(3)). Naturalment iridu jitharsu l-principji ta' gustizzja naturali (Art 9(1)) u fondamentali ghal smiegh xieraq quddiem Tribunal imparzjali u indipendenti sancita fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja. Ara f'dan is-sens decizjoni fl-ismijiet "**Emanuel Caruana nomine –vs- Elaine Cachia**", Appell, 22 ta' Novembru 1996.

Ghall-fini tas-sommarjeta` l-Artikolu 13 tal-imsemmi Att jipprovdi testwalment illi jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smiegh tal-kawza, l-Gudikatur ghandu jiddiferixxi l-kawza ghal data ohra u jekk f'dik id-data ohra

(a) il-parti li tkun ghamlet it-talba tonqos li tidher, il-Gudikatur ghandu jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez jithallsu mill-parti li tkun ghamlet it-talba.

Kif rilevat fis-sentenza appena citata ma jidher li hemm ebda eccezzjoni ghal din ir-regola u s-sanzjoni terminali li ggib maghha. L-attendenza fizika ghas-smigh hija essenzjali f'kawzi li jinsorgu quddiem it-Tribunal.

Minn naha taghhom l-appellanti jishqu li t-Tribunal fid-dati cirkostanzi prezentati lilu kellu d-dover li jhares id-dritt ghal smiegh xieraq u jaghtih sostanza fil-prattika.

Huma jsostnu li t-talba ghad-differiment ma kienetx wahda kapriccjuza izda motivata minn raguni gravi u mpellenti in kwantu James Munro, attur fil-kawza, kif ukoll martu, Teresa Munro, sewwieqa nvoluta fl-incident, ma setghux jattendu fizikament minhabba mard.

Fir-rigward tal-iter processwali f'din l-istanza qed jigu senjalati dawn il-fatti:-

i. Fil-jum tal-4 ta' Dicembru 2001, data tal-ewwel appuntament tal-kawza, l-konvenuta ipprezentat ir-risposta taghha ghat-talba attrici. It-Tribunal korrettement ordna notifika ta' din ir-risposta lill-kontro-parti u ddifferixxa l-kawza ghall-14 ta' Dicembru 2001 ghall-provi kollha tal-partijiet.

ii. Fl-14 ta' Dicembru 2001 id-difensur tal-attur baghat jinforma lit-Tribunal li kien indispost u fl-assenza ta' opposizzjoni l-kawza thalliet ghall-20 ta' Dicembru 2001.

iii. Fl-20 ta' Dicembru 2001 it-Tribunal rceva nformalment zewg certifikati medici rigwardanti l-attur James Munro u martu. Dawn ma gewx accettati mit-

Tribunal u l-kawza thalliet ghall-ghada, bl-intiza li fin-nuqqas tghaddi ghas-sentenza.

iv. Fil-21 ta' Dicembru 2001 l-Avukat difensur tal-attur ipprezenta b'mod formali c-certifikati medici dwar l-indisposizzjoni tal-konjugi Munro u ntalab differiment. Skond il-verbal ta' din is-seduta, wara opposizzjoni tal-avukat difensur tal-konvenuta, it-Tribunal osserva li l-konjugi Munro ma kienux parti fil-kawza u billi l-kontenut tac-certifikati medici kellhom jitqiesu li l-inkapacita` kienet ta' natura permanenti, ghaddiet ghas-sentenza.

Huwa evidenti minn dan il-verbal illi t-Tribunal ma ntebahx illi effettivament James Munro kien parti attrici fil-proceduri. Daqstant iehor hu evidenti illi t-Tribunal mexa skrupolozament ma' dak li l-ligi kienet timponi fuq il-kondotta procedurali tal-kawza, ex Artikolu 13 (a).

Dan maghdud, il-Qorti taghmel dawn ir-riflessjonijiet:-

1. Ma jidherx li dan kien kaz fejn tenut rigward tac-cirkostanzi kollha, kompriz iz-zmien bejn l-appuntament u d-decizjoni tal-kawza, illi jista' jinghad illi gie akkordat lill-atturi "ex abundantia indulgentiae curiae", zmien ragjonevoli ghat-trattazzjoni tal-kaz taghhom.

2. Konsiderat il-fatt tal-indisposizzjoni tal-attur u ta' martu, certament xhieda principali ewlenin ta' l-azzjoni attrici, dan l-istat kellu jitqies denja ta' komprensjoni li jigi mplorat differiment. Il-Qorti thoss li trattandosi ta' mard, l-inadempjenza tal-atturi li jipproducu l-provi fl-istadju pretiz mit-Tribunal, ma kellux jitqies ingustifikat.

3. Li jfisser allura li s-sanzjoni komminata mil-ligi ma kelliex fic-cirkostanzi partikolari tigi applikata fir-rigorosita` kollha taghha.

4. Huwa minnu li l-provvedimenti tal-Att li jirregolaw il-kondotta tal-kawzi huma ntizi biex jassiguraw smiegh bla dewmien u fi zmien xieraq. Izda minn naha l-ohra l-gustizzja naturali hi ntiza wkoll biex tassigura smiegh xieraq u gust. Dan dejjem s'intendi fir-rispett dovut lejn it-

Tribunal u l-kontro-parti, u minghajr ma tigi favorita l-laxkezza ta' kif jitmexxew il-proceduri. Proceduri li ghalkemm bl-Att imsemmi ma jhallux wisq spazju ghal flessibilita` eppure kien necessitat li jigu temperati minn doza ta' motivi u ragunijiet gustifikativi li filwaqt li ma jintralcjawx il-process gudizzjarju b'talbiet ta' differimenti inutili, jassiguraw l-osservanza tal-haqq u tas-sewwa. Dan dejjem fl-ambitu ta' dawk ic-cirkostanzi specjali li jimmeritaw tabilhaqq il-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti li tiddisturba fejn jinhass indikat l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tat-Tribunal, kif hekk thoss li ghandha taghmel f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-aggravju procedurali ta' l-atturi appellanti qed jigi milqugh u d-decizjoni appellata revokata. Fit-termini ta' l-Artikolu 8 (3) ta' l-Att V ta' l-1995 tiddiferixxi l-kawza ghall-11 ta' Dicembru 2003 ghat-trattazzjoni fil-meritu.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------